MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 17/2008

**Il-Pulizija**
**(Surgent Jason Grima)**
**Vs**
**Raymond Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mill-20 ta' Lulju, 2007 sa l-14 ta' Settembru, 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas milli jaghti l-manteniment dovut minnu lil martu Salvina Grech ghaliha w jew ghal wild minuri, hekk kif ordnat b'digriet tal-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) mill-Onor. Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia LL.D. u mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-21 ta' Jannar, 2008, li biha,

wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah mill-imputazzjoni htija w piena w subordinatament tirriformaha fil-parti tal-piena tas-sentenza appellata w tinfliggi piena aktar idoneja w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. li hu ghamel kull sforz biex jghaddi l-manteniment lil martu anki jekk l-ordni fid-digriet tal-Qorti jistabilixxi li tali manteniment ghandu jithallas direttament mill-*employer* tieghu;
2. li l-istess mara tal-appellant ammettiet li siefret mal-partner taghha w li raqdu fl-istess kamra tal-lukanda w li kwindi ddekadiet mid-dritt tal- manteniment lilha spettanti, w
3. li l-piena hija harxa zzejjed anki fid-dawl li llum kollox gie rizolt bejn il- partijiet.

Rat pero' li l-ewwel zewg aggravji gew irtirati mill-appellant u li hu llimita' l-aggravji tieghu ghall-piena.

Rat illi kemm fis-seduta tal-lum kif ukoll f' seduta precedenti thallsu b'kollox lill-parte civile s-somma ta' hamest elef, erba' mija w erba' Euro w seba' w ghoxrin centezmu (€ 5404.27) fil-mori tal-appell li zgur ikopru l-manteniment dovut ghax-xhur indikati fl-imputazzjoni, b' dana li jibqa' impregudikat kull ammont bilancjali li talvolta jista' jkun ghadu dovut lill-parte civile fi hlas ta' manteniment dovut sal-lum.'

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament, l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. Meta dan il-ghan jintlahaq bil-pagament tal-ammont ghas-sodisfazzjon shih ta' mart l-appellant, ikun hemm lok ghal temperament fil-piena. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [25.9.2003] u ohrajn)

Ghalhekk, in vista ta' dan l-izvilupp posittiv li sehh biss fil-mori tal-appell, jidher li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal xahar detenzjoni w minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sentejn mill-lum, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------